



Brussell, 29 ta' Settembru 2021  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2021/0295(COD)

---

11763/21  
ADD 5

EF 268  
ECOFIN 838  
SURE 32  
CODEC 1210

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	23 ta' Settembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 261 final
Suġġett:	DOKUMENT TA' HİDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Li jakkumpanja d-dokumenti Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/138/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjonalità, il-kwalità tas-superviżjoni, ir-rappurtar, il-miżuri ta' garanzija fit-tul, l-għodod makroprudenzjali, ir-riskji tas-sostenibbiltà, is-superviżjoni tal-gruppi u s-superviżjoni transfruntiera u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tad-ditti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2009/138/KE, (UE) 2017/1132 u r-Regolamenti (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 648/2012

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 261 final.

---

Mehmuż: SWD(2021) 261 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.9.2021  
SWD(2021) 261 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokumenti*

**Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2009/138/KE f'dak li għandu x'jaqsam mal-proporzjonalità, il-kwalità tas-superviżjoni, ir-rappurtar, il-miżuri ta' garanzija fit-tul, l-għodod makroprudenzjali, ir-riskji tas-sostenibbiltà, is-superviżjoni tal-gruppi u s-superviżjoni transfruntiera**

**u Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tad-ditti tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni u li temenda d-Direttivi 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2009/138/KE, (UE) 2017/1132 u r-Regolamenti (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 648/2012**

{COM(2021) 581 final} - {SEC(2021) 620 final} - {SWD(2021) 260 final}

## Skeda tas-sommarju eżekuttiv

Valutazzjoni tal-impatt tal-Proposta għal Direttiva li temenda d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzu tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II)

### A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni

#### Għaliex? X'inhi l-problema li qed tiġi indirizzata?

Id-Direttiva tas-Solvibbiltà II, li ilha tapplika mill-2016, introduċiet qafas prudenziali armonizzat, sod u robust għad-ditti tal-assigurazzjoni fl-UE. Dan huwa bbażat fuq ilprofil tar-riskju ta' kull kumpanija tal-assigurazzjoni individwali sabiex jiġu promossi l-komparabilità, it-trasparenza u l-kompetitività.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li, kumplessivament, il-qafas tas-Solvibbiltà II jaħdem b'mod effettiv, iżda li ċerti elementi jeftieġ li jittejbu.

1. Is-Solvibbiltà II għadha tinkludi diżinċentivi għall-investiment fit-tul fl-ekwità, u ma tirriflettix ir-riskji tas-sostenibbiltà fit-tul;
2. Is-Solvibbiltà II ma tirriflettix b'mod xieraq l-ambjent tar-rati tal-imgħax baxxi, u tista' tiġġenera volatilità għolja fil-proporzjonijiet tas-solvenza;
3. Is-Solvibbiltà II tista' tkun kumplessa żżejjed għall-assiguraturi ż-żgħar u għal dawk inqas riskjużi;
4. fallimenti riċenti ta' assiguraturi li joperaw bejn il-fruntieri enfasizzaw nuqqasijiet fis-superviżjoni u kkonfermaw li d-detenturi tal-poloz mhumiex protetti b'mod konsistenti fl-UE kollha jekk l-assiguratur tagħhom ifalli;
5. is-sett tal-għodod superviżorji għall-prevenzjoni tar-riskji sistemiċi jista' ma jkunx biżżejjed.

#### X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?

Meta jitqiesu l-problemi msemmija hawn fuq, ir-rieżami tas-Solvibbiltà II għandu l-għan li jmur lil hinn fil-kisba tal-objettivi inizjali tal-Kummissjoni għas-Solvibbiltà II, jiġifieri:

1. li jiżdiedu l-kontributi tal-assiguraturi għall-finanzjament fit-tul u sostenibbli tal-ekonomija;
2. il-preservazzjoni tal-kompetitività internazzjonali tal-assiguraturi tal-UE u t-titħbi fl-effiċċenza tagħhom;
3. it-titħbi tal-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz;
4. kontribut għall-istabili finanzjarja.

#### X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?

Ir-rieżami se jemenda l-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u se jintroduċi elementi ġodda, b'mod partikolari dwar ir-riskji ambjentali, ir-riżoluzzjoni, l-għodod makroprudenziali u, possibbilm, l-iskemi ta' garanzija tal-assigurazzjoni (SGA). Dawn l-emendi huma ġġustifikati min-natura transfruntiera tan-negozju tal-assigurazzjoni. Huwa aktar effiċċenti li l-assiguraturi jkunu soġġetti għal sett uniku ta' regoli milli għal oqfsa nazzjonali differenti. Bi-istess mod, azzjoni fil-livell tal-UE biss tista' tiżgura li l-konsumaturi kollha jibbenfikaw minn trattament ugħwali.

### B. Soluzzjoni

#### Liema għażiex ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew ie? Għaliex?

Ix-xenarju bażi għall-problemi kollha huwa li "ma jsir xejn".

Fir-rigward tal-investimenti fit-tul u ekoloġiċi, l-għażiex ippreferuti huma li jiġi ffaċilitati l-investimenti fit-tul fl-ekwità billi jiġu llaxxati l-kriterji tal-elgħixx għat-trattament preferenzjali ta' dawn l-investimenti, u jissaħħu r-rekwiżiti tal-ġestjoni tar-riskju għar-riskji tal-klima u tas-sostenibbiltà. Għażiex oħra li tqiesu jinkludu l-proċediment għal tnaqqis ġenerali fir-rekwiżiti kapitali għall-investimenti kollha ta' ekwid u/jew it-naqqis tar-rekwiżiti kapitali għall-investimenti ekoloġiċi.

Rigward is-sensittività u l-volatilità tar-riskju, l-ewwel għażla kienet li jiġi solvuti n-nuqqasijiet tekniċi kollha. Madankollu, l-għażla ppreferuta hija li wieħed jipproċedi għal tali soluzzjoni filwaqt li jiġi żgurat li l-impatt kumulattiv tal-bidliet kollha jibq'a moderat f'termini ta' rekwiżiti kapitali.

Fir-rigward tal-proporzjonalità, approċċ minnhom huwa li jiġi segwit il-pari tal-EIOPA; Dan jimplika żidiet sinifikanti ħafna fil-livelli limitu tal-eskużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tal-Solvibbiltà II u l-identifikazzjoni tal-assiguraturi bi "profil ta' riskju baxx", li jkunu soġġetti għal miżuri awtomatiċi ta' proporzjonalità. L-approċċ ippreferut huwa li wieħed jipproċedi għal żieda aktar baxxa fil-limiti tal-eskużjoni, iżda li jmur lil hinn mill-EIOPA f'dak li għandu x'jaqsam mat-tiċċihi tal-proporzjonalità fis-Solvibbiltà II, inkluż għad-dok.

Fir-rigward tal-kwalità tas-superviżjoni u tal-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz, l-għażla hija li tittejjeb b'mod kumulattiv il-kwalità tas-superviżjoni transfruntiera u li jiġi introdotti regoli minimi ta' armonizzazzjoni li għandhom l-għan li jiżguraw li d-detenturi tal-poloz ikunu protetti b'mod adegwaw f'każjiet ta' (kważi) falliment tal-assigurazzjoni.

Rigward l-istabili finanzjarja, filwaqt li l-EIOPA u l-BERS jipproponu li jiġi introdott qafas makroprudenziali estensiv, simili għal dak li jeżisti fis-settur bankarju, l-għażla ppreferuta hija li jsiru emendi mmirati biex jiġi żgurat li s-superviżuri jkollhom għodod suffiċċenti biex jipprevv jenu r-riskji għall-istabili finanzjarja, f'konformità mal-istandardi internazzjonali.

Din it-taħħla ta' għażiex ippreferuti hija l-aktar kosteffettiva, u hija konsistenti mal-objettivi ewleni tas-Solvibbiltà II (il-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz, l-istabili finanzjarja) u mal-prioritajiet politiċi attwali (is-CMU, il-Patt Ekoloġiku)

Ewropew).

### **Liema għażla u min jappoġġaha?**

L-appoġġ mill-partijiet ikkonċernati jvarja bejn il-kwistjonijiet differenti.

Fost l-għażiż li proposti, il-maġġoranza tal-partijiet ikkonċernati jappoġġaw id-direzzjoni proposta dwar il-finanzjament fit-tu u ekoloġiku, u dwar is-sensittivit u l-volatilità tar-riskju.

Dwar il-proportionalità, id-detenturi tal-poloz jappoġġaw l-għażla ppreferuta. L-assiguraturi li jibbenifikaw mill-miżuri tal-proportionalità ġeneralment jappoġġaw l-approċċ propost, għalkemm imoru lil hinn minn dan l-approċċ fir-rigward tal-ambitu għall-eskużjoni tal-assiguraturi mis-Solvibbiltà II.

Il-konsumaturi/NGOs jappoġġaw l-għażla ppreferuta dwar il-kwalità tas-superviżjoni u l-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz, u jaġħtu valur kbir lill-ħtieġa li tīgħi ppreservata l-istabbiltà finanzjarja. L-assiguraturi jipreferu bidiet limitati f'dawk iż-żewġ oqsmi.

### **C. Impatti tal-ġħażla ppreferuta**

#### **X'inhuma l-benefiċċji tal-ġħażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

Il-kombinazzjoni tal-ġħażla ippreferuti hija mistennija li:

- tiffaċilita l-kapaċită tal-assiguraturi li jiffinanzjaw in-negozji;
- tinċentiva lill-assiguraturi jqis u aħjar ir-riskji għas-sostenibbiltà;
- titrawwem perspettiva fit-tu fl-aktivitajiet tal-assiguraturi, billi timmitiga aħjar l-impatt tal-volatilità tas-suq;
- ittejjeb il-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz billi:
  - i. tinkorpora aħjar tal-ambjent b'rendiment baxx;
  - ii. issaħħaħ il-koordinazzjoni u tal-konsistenza tas-superviżjoni;
  - iii. tintroduċi regoli minimi ta' armonizzazzjoni biex jidher l-impatt tal-(kważi) fallimenti tal-assigurazzjoni.
- tgħin biex tinżamm l-istabbiltà finanzjarja.

L-inizjattiva tirriżulta f'żieda sa EUR 30 biljun fl-ammont ta' fondi proprii lil hinn mir-rekwiżiti kapitali, skont il-kundizzjonijiet tas-suq. Peress li l-bidiet li jnaqqsu l-proportionalità tas-solvenza tal-assiguraturi jiġu implementati biss gradwalment fuq bosta snin, fuq medda qasira ta' żmien l-inizjattiva tirrilaxxa sa EUR 90 biljun f'kapital li l-assiguraturi jistgħu jużaw biex jappoġġaw l-irkupru ekonomiku.

#### **X'inhuma l-kostijiet tal-ġħażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?**

Xi bidiet individwali, b'mod partikolari fir-rigward tar-rati tal-imgħax, meħudin weħidhom inaqqsu r-riżorsi kapitali tal-assiguraturi. Madankollu, kif iddikjarat hawn fuq, l-effett kumulattiv tal-bidiet kollha jkun żieda fil-fondi proprii tal-assiguraturi li jaqbżu r-rekwiżiti kapitali.

Il-kost tal-introduzzjoni tal-SGA tkun ta' madwar EUR 21 biljun, li jiġu parżjalment mgħoddija fuq id-detenturi tal-poloz permezz ta' żieda fil-primjums.

Ir-rieżami jiġiġera piżżejiet ta' implementazzjoni u amministrattivi moderati.

#### **Kif se jintlaqtu n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?**

Ir-rieżami jista' jeżenta mill-applikazzjoni obbligatorja tas-Solvibbiltà II lil sa 186 assiguratur. Barra minn hekk, mill-inqas 249 assiguratur li jibqgħu fl-ambitu tas-Solvibbiltà II jibbenifikaw minn regoli aktar sempliċi u proporzjonati, li jnaqqsu l-kostijiet tagħhom tal-konformità. Barra minn hekk, ir-rieżami jiffaċilita l-finanzjament kapitali tal-assiguraturi għall-SMEs.

#### **Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjoni nazzjonali?**

Le

#### **Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?**

Le

### **D. Segwitu**

#### **Meta se tiġi rieżaminata l-politika?**

Il-leġiżlazzjoni se tkun soġġetta għal evalwazzjoni sħiħa ħames snin wara l-iskadenza tal-implementazzjoni tagħha, biex jiġi vvalutat kemm kienet effettiva u effiċċienti biex tilħaq l-objettivi ppreżentati f'dan ir-rapport u biex jiġi deċiż jekk humiex meħtieġa miżuri jew emendi ġodda.